



EBA/GL/2014/02

---

05 ta' Ġunju 2014

---

## Linji gwida

---

dwar id-divulgazzjoni ta' indikaturi ta' importanza sistemika globali

# Il-Linji gwida tal-EBA dwar id-divulgazzjoni ta' indikaturi ta' importanza sistemika globali

---

## Status ta' dawn il-linji gwida

Dan id-dokument fih linji gwida maħruġa skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jstabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea), li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (*'ir-Regolament dwar l-EBA'*). Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament dwar l-EBA, l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji jridu jagħmlu kull sforz biex jikkonformaw mal-linji gwida.

Il-linji gwida jstabbilixxu l-fehma tal-EBA dwar prattiki superviżorji xierqa fis-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja jew dwar kif il-liġi tal-Unjoni għandha tiġi applikata f'qasam partikolari. L-EBA għaldaqstant tistenna li l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji kollha, li lilhom huma indirizzati l-linji gwida, jikkonformaw magħhom. L-awtoritajiet kompetenti li għalihom japplikaw il-linji gwida għandhom jikkonformaw billi jinkorporawhom fil-prattiki superviżorji kif xieraq (eż. billi jemendaw il-qafas legali tagħhom jew il-proċessi superviżorji tagħhom), inkluż fejn il-linji gwida huma primarjament diretti lejn l-istituzzjonijiet.

## Rekwiżiti tar-rapportar

Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament dwar l-EBA, l-awtoritajiet kompetenti jridu jinnotifikaw lill-EBA jekk humiex konformi jew jekk humiex beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida, jew inkella bir-raġunijiet għan-nonkonformità, sat-30 ta' Settembru 2014. Jekk ma ssir l-ebda notifika sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti se jitqiesu mill-EBA bħala nonkonformi. In-notifiki għandhom jintbagħtu billi tiġi sottomessa l-formola pprovduta fit-Taqsima 5 fuq [compliance@eba.europa.eu](mailto:compliance@eba.europa.eu) bir-referenza 'EBA/GL/2014/02'. In-notifiki għandhom jiġu sottomessi minn persuni b'awtorità xierqa li jirrapportaw konformità f'isem l-awtoritajiet kompetenti tagħhom.

In-notifiki se jiġu ppubblikati fuq il-websajt tal-EBA, skont l-Artikolu 16(3).

## Titolu I - Suġġett, kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

1. Il-Linji Gwida jirrigwardaw id-divulgazzjoni annwali tal-valuri tal-indikaturi użati għad-determinazzjoni tal-punteġġ tal-istituzzjonijiet skont il-metodoloġija għall-identifikazzjoni ta' istituzzjonijiet globali sistemikament importanti speċifikati fl-Artikolu 131 tad-Direttiva 2013/36/UE. Il-Linji Gwida jfittxu li jiżguraw l-applikazzjoni konsistenti tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni, billi jispeċifikaw il-formati uniformi u d-data għad-divulgazzjoni, adottati skont l-Artikolu 441 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u li jħeġġu d-divulgazzjoni minn firxa usa' ta' istituzzjonijiet, filwaqt li jikkunsidraw ir-riskju sistemiku maħluq. Il-Linji Gwida jikkunsidraw il-proċess maqbul mill-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja għall-identifikazzjoni ta' istituzzjonijiet globali sistemikament importanti.
2. Il-Linji Gwida japplikaw għall-istituzzjonijiet prinċipali tal-UE, għall-kumpaniji azzjonarji finanzjarji prinċipali tal-UE, għall-kumpaniji azzjonarji finanzjarji prinċipali mħallta tal-UE u għall-istituzzjonijiet li ma humiex sussidjarji ta' istituzzjoni prinċipali tal-UE jew kumpanija azzjonarja finanzjarja prinċipali tal-UE jew kumpanija azzjonarja finanzjarja prinċipali mħallta tal-UE ('l-entitajiet rilevanti') li josservaw kejl ta' skopertura tal-proporzjon ta' ingranaġġ li jaqbeż EUR 200 biljun permezz ta' rata tal-kambju adegwata, li tikkunsidra r-rata tal-kambju ta' referenza ppublikata mill-Bank Ċentrali Ewropew applikabbli fi tmiem is-sena finanzjarja u l-istandards internazzjonali, u għall-awtoritajiet kompetenti fit-tifsira tal-Artikolu 4(40) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, inkluż il-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' kwistjonijiet marbuta mal-kompiti mogħtija lill-bir-Regolament (UE) Nru 1024/2013.

## Titolu II- Rekwiżiti rigward id-divulgazzjoni mill-istituzzjonijiet

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-entitajiet rilevanti jiddivulgaw pubblikament il-valuri tal-indikaturi użati sabiex jiddeterminaw il-punteġġ tal-istituzzjonijiet fuq bażi annwali u skont il-metodoloġija ta' identifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 131 tad-Direttiva 2013/36/UE.
4. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li d-divulgazzjoni ssir permezz tal-mudell elettroniku ppubblikat għal dan l-iskop fuq il-websajt tal-EBA u skont l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni adottati skont l-Artikolu 441 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, filwaqt li jikkunsidraw l-istruzzjonijiet stipulati fl-Anness għal dawn il-Linji Gwida. Sakemm japplikaw tali standards tekniċi ta' implimentazzjoni, l-entitajiet rilevanti għandhom jiddivulgaw pubblikament l-informazzjoni ta' tmiem is-sena finanzjarja sa mhux aktar tard minn erba' xhur wara kull tmiem is-sena finanzjarja. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jippermettu lill-entitajiet rilevanti li tmiem is-sena finanzjarja tagħhom ma tikkoinċidix mal-31 ta' Diċembru jirrapportaw il-valuri tal-indikaturi abbażi tal-eqreb pożizzjoni tagħhom għall-31 ta' Diċembru. Fi kwalunkwe każ, id-divulgazzjoni tal-informazzjoni ma għandhiex isseħħ aktar tard mill-31 ta' Lulju, għall-ewwel darba fl-2014.
5. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-valuri tal-indikaturi jkunu identiċi għal dawk ippreżentati lill-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja.

### Titolu III- Il-komunikazzjoni ta' valuri ta' indikaturi divulgati

6. L-entitajiet rilevanti għandhom jipubblikaw il-mudelli individwali tagħhom fuq il-websajts tagħhom. Safejn ikun possibbli, dawn il-mudell għandhom ikunu inklużi wkoll fid-dokument li jkun fih l-informazzjoni mitluba skont kif speċifikat fil-Parti Tmienja tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tas-26 ta' Ġunju 2013, jew għandha ssir referenza f'dan id-dokument għall-websajt li fiha jkunu ddivulgati l-mudelli.
7. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jipprovdu lill-EBA l-valuri tal-indikaturi meta jkunu ddivulgati pubblikament fil-format meħtieġ mill-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni adottati skont l-Artikolu 441 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 għal skopijiet ta' ċentralizzazzjoni fuq il-websajt tal-EBA.

### Titolu IV- Dispożizzjonijiet finali u implimentazzjoni

8. Dawn il-Linji Gwida għandhom japplikaw wara l-pubblikazzjoni tagħhom fuq il-websajt tal-EBA.
9. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw lill-EBA jekk huma u l-entitajiet rilevanti fil-ġurisdizzjoni tagħhom ikkonformawx jew le mar-rekwiżiti ta' divulgazzjoni inklużi fit-Titolu II.

## Anness 1 – Istruzzjonijiet għat-tkomplija tal-mudell ta' divulgazzjoni skont I-ITS skont l-Artikolu 441 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013

1. Id-data hija meħtieġa għall-metriki kollha miġbura.
2. Fejn jeżistu limitazzjonijiet ta' data, wieħed jista' jipprovdi data kwantitattiva fuq bażi ta' 'l-aħjar sforz'. F'każ ta' dubju, l-awtorità kompetenti għandha tiġi kkonsultata dwar kif wieħed għandu jkompli. Fejn ikunu ntużaw stimi, il-kolonna tal-'Kummenti' ('Comments') għandha tinkludi l-kelma 'Stima' ('Estimated').
3. Iċ-ċelloli jistgħu jingħataw valur ta' zero jekk ikun japplika wieħed miż-żewġ każijiet li ġejjin:
  - a) L-attività tal-grupp ta' rapportar rigward il-metrika mitluba hija verament zero. F'dan il-każ, il-kolonna tal-'Kummenti' għandha tinkludi l-kliem 'Zero kkonfermat' ('Confirmed zero').
  - b) Il-valur mitlub ma jistax jingħata minħabba l-granularità tad-data insuffiċjenti, iżda ġie inkluż f'linja separata fl-istess pannell. F'dan il-każ, il-kolonna tal-'Kummenti' għandha tinkludi l-kliem 'Nuqqas ta' diżaggregar' ('Lack of breakdown'), u l-informazzjoni rigward il-post taċ-ċifra aggregata għandha tingħata fil-kolonna tal-'Kummenti'.
4. Fl-ebda ċirkostanza ma għandu jiddaħħal kliem (eż. 'n/a' jew 'xejn' ('none')) f'ċellola tad-data.
5. L-istituzzjonijiet huma liberi li jagħżlu l-munita tar-rapportar użata, iżda l-EBA tissuġġerixxi bil-qawwa li tintuża l-istess munita li tkun intużat biex tiġi ppreżentata informazzjoni simili lill-Kumitat ta' Basel dwar is-Supervizzjoni Bankarja. Bl-istess mod, ir-rata tal-kambju li trid tiġi applikata għandha tkun l-istess. Il-munita tar-rapportar għandha tintuża għall-valuri kollha fil-workbook ħlief għad-data dwar il-pagamenti fil-pannell D1, li huma rrapportati fil-munita oriġinali tal-pagament.
6. L-istituzzjonijiet għandhom jindikaw ukoll l-unità użata għar-rapportar (1, 1,000 jew 1,000,000). L-istess unità għandha tintuża għall-ammonti kollha fil-workbook kollu. Dan japplika wkoll għad-data dwar il-pagamenti fil-pannell D1. Meta wieħed jagħżel l-unità ta' rapportar, għandu jikkunsidra li l-worksheet turi l-ammonti kollha bħala numri sħaħ.
7. Id-data għandha tkun irrapportata skont tmiem is-sena finanzjarja li jkun l-eqreb għall-aħħar ta' Diċembru, jiġifieri tmiem is-sena finanzjarja jaqa' fil-perjodu ta' bejn l-1 ta' Lulju tas-sena X u t-30 ta' Ġunju tas-sena X+1. L-entitajiet rilevanti li s-sena finanzjarja tagħhom tintemm fit-30 ta' Ġunju għandhom jagħmlu arranġamenti mal-awtorità kompetenti u mal-EBA sabiex jużaw data interim ibbażata fuq il-pożizzjoni tagħhom fl-aħħar ta' Diċembru minflok id-data ta' tmiem is-sena finanzjarja, jekk dan ikun jissodisfa l-oġġettiv ta' rapportar ta' data eqreb għall-aħħar ta' Diċembru.
8. Ċerti entrati ta' data jeħtieġu attività aggregata tul is-sena ta' rapportar, li hija definita bħala t-tnax-il xahar li jiġu eżatt qabel id-data ta' rapportar.

### Il-workbook tad-data

#### Sezzjoni 1, entrati 1.a sa 1.h: Data ġenerali

Entrata	Tikketta	Deskrizzjoni
1.b(1)	Data ta' rapportar	Agħżel id-data li minnha d-data kollha qiegħda tiġi rrapportata.

1.b(2)	Munita ta' rapportar (Kodiċi ISO)	Kodiċi tal-ISO bi tliet ittri għall-munita
1.b(4)	Unità (1, 1000, 1000000)	L-unitajiet li fihom qegħdin jiġu rrapportati r-riżultati
1.b(5)	L-istandard ta' kontabilità	L-istandard ta' kontabilità użat (eż. IFRS, US GAAP)
1.b(6)	Fejn tinsab id-divulgazzjoni pubblika	Il-post fejn qegħdin jiġu divulgati pubblikament il-valuri tal-indikaturi G-SII. Jekk l-informazzjoni hija disponibbli fuq il-Web, jekk jogħġbok inkludi l-URL rilevanti

## Sezzjoni 2, entrati 2.a sa 2.n: Entrati fuq il-karta bilanċjali

L-indikatur tad-daqs spjegat hawn taħt huwa maħsub li jaqbel mal-valur tal-iskoperturi totali definit għall-użu fil-proporzjon tal-ingranaġġ ta' Basel III minn Diċembru 2012. L-iskoperturi totali (entrata 2.o) fil-mudell ta' rapportar MPG MA HUMIEX sejrjn jaqblu maċ-ċellola J128 fil-worksheet tal-proporzjon tal-ingranaġġ tal-verżjoni 2.6 tal-mudell ta' rapportar tal-monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta' Basel III, peress li l-formula ġiet aġġornata mill-ġbir ta' Diċembru 2012 'l hawn. Innota li l-pożizzjonijiet kollha għandhom ikunu inklużi, irrispettivament minn jekk humiex inklużi fil-ktieb kummerċjali jew bankarju. L-Appendiċi 1 jipprovdi aktar dettalji dwar il-kontroreferenzi għall-mudell ta' rapportar tal-monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta' Basel III.

Entrata	Tikketta	Deskrizzjoni
2.a	Skopertura tal-kontroparti tal-kuntratti tad-derivattivi	<p>Irrapporta l-iskopertura tar-riskju tal-kontroparti tad-derivattivi wara li tapplika l-istandards regolatorji tan-nettjar ibbażati fuq il-qafas ta' Basel II (mhux ir-regoli ta' kontabilità għan-nettjar). Id-data ma għandha tinkludi l-ebda effett ta' mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu ieħor. Id-derivattivi nnegożjati barra l-Borża (OTC), fuq kambju u permezz ta' kontroparti ċentrali (CCP), għandhom ikunu inklużi kollha.</p> <p>Il-kollateral riċevut (kemm f'kontanti kif ukoll jekk le) ma għandux ikun innettjat mal-pożizzjoni (netta) tad-derivattivi (il-pożizzjoni netta tad-derivattivi hija d-differenza (pożittiva) bejn valuri ġusti pożittivi u negattivi ta' derivattivi fin-nettjar). Fejn l-istandards ta' kontabilità applikabbli jippermettu li istituzzjoni tinnettja l-ammonti pagabbli (li trodd lura kollateral f'kontanti) mill-assi tad-derivattivi korrispondenti, l-istituzzjoni għandha l-ewwel nett tiggrossa l-assi tad-derivattivi qabel tikkalkula l-ispiża netta ta' sostituzzjoni fil-formula fil-paragrafi 186 u 187 tal-qafas ta' Basel II (li jipprovdi l-formula għall-kalkolu tar-riskju ta' kreditu tal-kontroparti taħt il-Metodu tal-Iskopertura Kurrenti). Bl-użu ta' din l-istess formula, l-istituzzjonijiet kollha għandhom jiffissaw il-valur tal-ammont ta' kollateral (CA) aġġustat skont il-volatilità għal żero.</p> <p>Jekk tranżazzjoni ta' derivattivi ma tkunx koperta minn ftehim ta' nettjar ta' Basel II kwalifikattiv, l-ammont tal-iskopertura tad-derivattivi għandu jkun irrapporat fuq bażi gross.</p>
2.b	Il-valur gross tat-tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli (SFTs)	<p>Irrapporta l-valur gross (in-nett ta' provvedimenti speċifiċi u aġġustamenti fil-valutazzjoni) tal-SFTs (l-SFTs jinkludu tranżazzjonijiet bħal ftehimiet ta' riakkwist, ftehimiet ta' riakkwist inversi, self u teħid b'self ta' titoli, u tranżazzjonijiet ta' self b'marġini, fejn il-valur tat-tranżazzjoni jiddependi fuq il-valutazzjonijiet tas-suq u t-tranżazzjoni nnifisha tkun spiss soġġetta għal ftehimiet b'marġini) filwaqt li ma tassumi l-ebda nettjar tal-kontijiet jew effetti ta' mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu. L-assi tal-SFTs għandhom ikunu rrapportati mingħajr ebda rikonnoxximent ta' nettjar ta' kontabilità ta' ammonti pagabbli (f'kontanti) ma' ammonti riċevibbli (f'kontanti) kif permess taħt l-istandards ta' kontabilità rilevanti. F'sitwazzjonijiet fejn l-istandards ta' kontabilità rilevanti jeżiġu li l-istituzzjonijiet jirrikonoxxu bħala assi t-titolu</p>

		riċevut f'SFT, il-valur ta' tali titolu għandu jkun irrapportat fl-entrata 2.d(1). L-SFTs innegożjati barra l-Borża, fuq kambju u permezz ta' kontroparti ċentrali, għandhom ikunu inklużi kollha.
2.c	L-iskopertura tal-kontroparti tal-SFTs	<p>Irrapporta l-iskopertura tal-kontroparti tal-SFTs. Id-data ma għandha tinkludi l-ebda effett ta' mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu ieħor. L-SFTs innegożjati barra l-Borża, fuq kambju u permezz ta' kontroparti ċentrali, għandhom ikunu inklużi kollha.</p> <p>Fil-każ tal-SFTs, il-valur tal-iskopertura tal-kontroparti huwa ddeterminat bħala l-ammont tal-valur ġust totali ta' titoli u kontanti mislufa lil kontroparti għat-tranżazzjonijiet kollha inkluża fi ftehim ta' nettjar ta' Basel II kwalifikattiv (ftehim ta' nettjar kwalifikattiv huwa ftehim ta' nettjar li jissodisfa r-rekwiżiti taħt il-paragrafi 173 u 174 tal-qafas ta' Basel II), bit-tnaqqis tal-ammont tal-valur ġust totali ta' kontanti u titoli riċevuti mingħand il-kontroparti għal dawk it-tranżazzjonijiet, imminimizzat għal żero (l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw din il-parti li ġejja tal-formula kif stabbilita fil-paragrafu 176: <math>E^* = \max \{0, [(\Sigma(E) - \Sigma(C))]\}</math>). Għaldaqstant, għall-iskop tal-proporzjon tal-ingranaġġ, il-valwazzjoni negattiva għall-Es (il-pożizzjoni netta f'titolu speċifiku) u Efx (il-pożizzjoni netta f'munita) ma għandhiex tkun ikkonsidrata. Fejn ma hemm stabbilit l-ebda ftehim ta' nettjar ta' Basel II kwalifikattiv, il-valur tal-iskopertura tal-kontroparti tal-SFT għandu jkun ikkalkulat fuq bażi ta' tranżazzjoni bi tranżazzjoni (jiġifieri kull SFT jiġi ttrattat bħala s-sett ta' nettjar proprju).</p>
2.d	Assi oħrajn	<p>Irrapporta l-valur ta' kwalunkwe ass ieħor li mhux identifikat speċifikament f'xi waħda mir-ringieli preċedenti (eż. assi likwidi kif definiti taħt il-proporzjon tal-kopertura tal-likwidità, skoperturi għat-titolizzazzjonijiet proprji li jissodisfaw il-kriterji tal-kontabilità għall-irtirar tar-rikonoxximent u li ma humiex ikkonsolidati fuq il-karta tal-bilanċ tal-istituzzjoni, skoperturi titolizzati li ma jissodisfawx il-kriterji ta' kontabilità għall-irtirar tar-rikonoxximent jew li huma kkonsolidati fuq il-karta tal-bilanċ tal-istituzzjoni, tranżazzjonijiet li fallaw u li ma twettqux, u b'mod aktar ġenerali kull ass ta' kontabilità ieħor li mhuwiex inkluż taħt l-entrati tad-derivattivi jew tal-SFT). Dan jinkludi kwalunkwe strument (inkluż kontanti) misluf jew meħud b'self permezz ta' SFT meta jkun irrapportat fuq il-karta tal-bilanċ tal-kontabilità.</p> <p>Irrapporta d-data billi tuża t-total tal-valuri ta' kontabilità (in-nett ta' provvedimenti speċifiċi u aġġustamenti fil-valutazzjoni), filwaqt li tassumi li ma hemm l-ebda nettjar tal-kontabilità jew effetti ta' mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu (jiġifieri, valuri gross).</p>
2.d(1)	Titoli riċevuti f'SFTs li huma rikonoxxuti bħala assi	<p>Irrapporta l-valur tat-titoli riċevuti f'SFT li huma rikonoxxuti bħala ass taħt l-istandards tal-kontabilità applikabbli. Pereżempju, taħt US GAAP, trasferitur tat-titoli għandu jirrikonoxxi titolu riċevut fi tranżazzjoni ta' self ta' titoli bħala assi jekk it-trasferitur għandu d-dritt li jipotekizza t-titolu, iżda dan ma għamlux.</p>
2.f	Skopertura futura potenzjali ta' kuntratti ta' derivattivi – Metodu 1	<p>Irrapporta l-iskopertura futura potenzjali ta' derivattivi meta tapplika l-metodu ta' skopertura kurrenti u l-istandards ta' nettjar ta' Basel II. Id-data ma għandha tinkludi ebda effett ta' mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu ħlief in-nettjar regolatorju.</p> <p>Iż-żieda għad-derivattivi ta' kreditu għandha tkun ikkalkulata skont it-test sħiħ tal-paragrafu 707, inkluża n-nota ta' qiegħ il-paġna. Dan jimplika li iż-żieda ta' CDS mibjugħ soġġett għal għeluq għandha tkun limitata għal primjums mhux imħallsa, filwaqt li iż-żieda għal CDS mibjugħ li ma hux soġġett għal għeluq ma għandhiex tkun inkluża. Il-paragrafu 707 għandu jkun applikat għad-derivattivi tal-kreditu kollha, kemm jekk huma inklużi fil-ktieb bankarju kif ukoll f'dak kummerċjali.</p> <p>Meta jikkalkulaw iż-żieda għat-tranżazzjonijiet innettjati (ANet fil-formula fil-paragrafu 96(iv) tal-Anness IV għall-qafas ta' Basel II), il-banek ma għandhomx jikkunsidraw fis-sostituzzjoni netta l-ispiża</p>

		tal-kollateral riċevut, irrISPettivament mit-trattament tal-kollateral mill-istandards ta' kontabilità applikabbli.
2.g	Ammont nozzjonali ta' entrati li ma jidhrux fil-karta bilanċjali b'CCF ta' 0%	Irrapporta l-valur nozzjonali ta' entrati li ma jidhrux fil-karta bilanċjali li jingħataw fattur ta' konverżjoni ta' kreditu (CCF) ta' 0% kif definit fl-approċċ standardizzat għar-riskju ta' kreditu fil-qafas ta' Basel II, jiġifieri impenji li huma kanċellabbli inkondizzjonalment fi kwalunkwe ħin mill-bank mingħajr avviż minn qabel (UCC), jew li effettivament jipprevedu kanċellazzjoni awtomatika minħabba deterjorament fl-affidabbiltà kreditizja tal-mutwatarju (ara l-paragrafu 83 tal-qafas ta' Basel II u n-nota ta' qiegħ il-paġna għal dan il-paragrafu). Jekk jogħġbok innota li r-ringieli 3d u 3e flimkien ma jagħmlux ir-ringiela 3c, minħabba li din tal-aħħar tinkludi impenji li effettivament jipprevedu kanċellazzjoni awtomatika minħabba deterjorament fl-affidabbiltà kreditizja tal-mutwatarju, iżda ma humiex UCC.
2.g(1)	Impenji ta' karti ta' kreditu kanċellabbli inkondizzjonalment	Irrapporta l-valur nozzjonali ta' impenji ta' karti ta' kreditu li huma kanċellabbli inkondizzjonalment fi kwalunkwe ħin mill-bank mingħajr avviż minn qabel (UCC) li jingħataw CCF ta' 0% CCF taħt approċċ standardizzat għar-riskju ta' kreditu. L-impenji ta' karti ta' kreditu li effettivament jipprovdu għal kanċellazzjoni awtomatika minħabba deterjorament fl-affidabbiltà kreditizja tal-mutwatarju iżda li ma humiex UCC ma għandhomx ikunu inklużi f'din ir-ringiela.
2.g(2)	Impenji kanċellabbli inkondizzjonalment oħrajn	Irrapporta l-valur nozzjonali ta' impenji oħrajn li huma kanċellabbli inkondizzjonalment fi kwalunkwe ħin mill-bank mingħajr avviż minn qabel li jingħataw CCF ta' 0% taħt approċċ standardizzat għar-riskju ta' kreditu. L-impenji li effettivament jipprovdu għal kanċellazzjoni awtomatika minħabba deterjorament fl-affidabbiltà kreditizja tal-mutwatarju iżda li ma humiex UCC ma għandhomx ikunu inklużi f'din ir-ringiela.
2.h	Ammont nozzjonali ta' entrati li ma jidhrux fil-karta bilanċjali b'CCF ta' 20%	Irrapporta l-valur nozzjonali ta' entrati li ma jidhrux fil-karta bilanċjali li jingħataw CCF ta' 20% CCF kif definit fl-approċċ standardizzat għar-riskju ta' kreditu (ara l-paragrafi 83 u 85 tal-qafas ta' Basel II u n-nota ta' qiegħ il-paġna għall-paragrafu 83).
2.i	Ammont nozzjonali ta' entrati li ma jidhrux fil-karta bilanċjali b'CCF ta' 50%	Irrapporta l-valur nozzjonali ta' entrati li ma jidhrux fil-karta bilanċjali li jingħataw CCF ta' 50% kif definit fl-approċċ standardizzat għar-riskju ta' kreditu (ara l-paragrafi 83, 84(ii) u 84(iii) tal-qafas ta' Basel II). Dan jinkludi faċilitajiet ta' likwidità u impenji oħrajn għal titolizzazzjonijiet li jinkorporaw il-bidliet skont it-Titjib fil-qafas ta' Basel II <sup>1</sup> , jiġifieri s-CCF għall-faċilitajiet tal-likwidità kollha eliġibbli fil-qafas tat-titolizzazzjonijiet huwa 50% irrISPettivament mill-maturità. Skoperturi OBS għal titolizzazzjonijiet oriġinati għandhom ikunu inklużi biss jekk it-titolizzazzjonijiet ikunu ssodisfaw il-kriterji ta' kontabilità għall-irtirar tar-rikonoxximent (biex jiġi evitat l-għadd doppju).
2.j	Ammont nozzjonali ta' entrati li ma jidhrux fil-karta bilanċjali b'CCF ta' 100%	Irrapporta l-valur nozzjonali ta' entrati li ma jidhrux fil-karta bilanċjali li jingħataw CCF ta' 100% kif definit fl-Approċċ Standardizzat għar-riskju ta' kreditu (ara l-paragrafi 83(i), 83 (ii), 84 u 84(i) tal-qafas ta' Basel II). Dan jinkludi faċilitajiet ta' likwidità u impenji oħrajn għal titolizzazzjonijiet li jinkorporaw il-bidliet skont it-Titjib fil-qafas ta' Basel II. Skoperturi OBS għal titolizzazzjonijiet oriġinati għandhom ikunu inklużi biss jekk it-titolizzazzjonijiet ikunu ssodisfaw il-kriterji ta' kontabilità għall-irtirar tar-rikonoxximent u ma humiex ikkonsolidati fuq il-karta bilanċjali tal-bank (biex jiġi evitat l-għadd doppju).

<sup>1</sup> Id-dokument huwa disponibbli fuq [www.bis.org/pub/bcbs157.pdf](http://www.bis.org/pub/bcbs157.pdf).



2.l	Entitajiet li huma konsolidati għal finijiet ta' kontabilità u mhux għal finijiet regolatorji bbażati fuq ir-riskju	<p>Irrapporta l-iskoperturi ta' entitajiet (finanzjarji, tat-titolizzazzjoni u kummerċjali) li huma kkonsolidati għal finijiet ta' kontabilità u mhux għal finijiet regolatorji bbażati fuq ir-riskju. Fid-determinazzjoni tal-kejl tal-iskopertura ta' kull tip ta' entità, japplikaw il-kriterji li ġejjin.</p> <p>1. L-iskoperturi tal-entitajiet finanzjarji għandhom ikunu ddeterminati skont il-paragrafi 157 sa 164 tal-istandards ta' Basel III u mbagħad proratati għall-inklużjoni tagħhom fil-kejl tal-iskopertura tal-proporzjon tal-ingranaġġ skont il-paragrafu 156.<sup>2</sup> Ejjew nassumu li l-bank A xtara 75% tad-destinatarja ta' investment B fil-valur kontabilistiku u li l-ekwità ta' dik id-destinatarja ta' investment hija 4 (jiġifieri l-valur tal-investment tal-bank A huwa 3 u hemm interess minoritarju ta' 1). Ejjew nassumu li l-ammont totali tal-iskopertura tad-destinatarja ta' investment B (iddeterminat skont il-paragrafi 157 sa 164 tal-istandards ta' Basel III) huwa 40 u li 2.2 tal-investment ta' A f' B għandu jitnaqqas mill-kapital tal-grad 1 ta' ekwità komuni tal-bank A skont il-paragrafi 84 sa 89 tal-istandards ta' Basel III. Abbażi ta' dawn is-suppożizzjonijiet, il-proporzjon tal-kapital tad-destinatarja ta' investment (nett tal-interessi minoritarji) li huwa inkluż fil-kapital tal-bank A huwa 26.7% – jiġifieri <math>1 - [2.2 / (4 - 1)]</math>. Għaldaqstant, il-bank A għandu jinkludi 26.7% tal-kejl ta' skopertura tad-destinatarja ta' investment, li huwa 10.7 (26.7% ta' 40).</p> <p>2. L-iskoperturi tal-entitajiet tat-titolizzazzjoni għandhom ikunu ddeterminati skont il-paragrafi 157 sa 164 tal-istandards ta' Basel III u mbagħad inklużi fil-kejl tal-iskopertura tal-proporzjon tal-ingranaġġ fit-totalità tagħhom.</p> <p>3. L-iskoperturi tal-entitajiet kummerċjali għandhom ikunu ddeterminati skont il-paragrafi 157 sa 164 tal-istandards ta' Basel III u mbagħad inklużi fil-kejl tal-iskopertura tal-proporzjon tal-ingranaġġ fit-totalità tagħhom.</p>
2.l(1)	Assi fuq il-karta bilanċjali	Irrapporta l-assi totali fuq il-karta bilanċjali għall-entitajiet ikkonsolidati għal finijiet ta' kontabilità, iżda mhux għal finijiet regolatorji bbażati fuq ir-riskju.
2.l(2)	Skopertura futura potenzjali ta' kuntratti ta' derivattivi	Irrapporta l-iskopertura futura potenzjali ta' derivattivi meta tapplika l-metodu tal-iskopertura kurrenti u l-istandards ta' nettjar ta' Basel II għall-entitajiet ikkonsolidati għal finijiet ta' kontabilità, iżda mhux għal finijiet regolatorji bbażati fuq ir-riskju.
2.l(3)	Impenji kanċellabbli inkondizzjonalment	Irrapporta l-valur nozzjonali ta' impenji kanċellabbli inkondizzjonalment għall-entitajiet ikkonsolidati għal finijiet ta' kontabilità, iżda mhux għal finijiet regolatorji bbażati fuq ir-riskju.
2.l(4)	Impenji oħrajn li ma jidhrux fuq il-karta bilanċjali	Irrapporta l-valur nozzjonali ta' impenji li ma jidhrux fuq il-karta bilanċjali għall-entitajiet ikkonsolidati għal finijiet ta' kontabilità, iżda mhux għal finijiet regolatorji bbażati fuq ir-riskju.
2.l(5)	Il-valur tal-investment fl-entitajiet ikkonsolidati	Irrapporta l-valur tal-kontabilità tal-investment fl-entitajiet ikkonsolidati. Għall-entitajiet finanzjarji, il-proporzjon tal-investment li ma tnaqqasx mill-kapital tal-banek biss għandu jkun inkluż. Għall-investimenti fl-entitajiet tat-titolizzazzjoni u daww kummerċjali, wieħed għandu jinkludi l-valur tal-investment sħiħ.
2.m	Aġġustamenti regolatorji	Irrapporta l-valur tal-aġġustamenti regolatorji kif misjub fil-worksheet tal-proporzjon tal-ingranaġġ fil-mudell ta' rapportar tal-monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta' Basel III. Dan il-valur jinkludi l-aġġustamenti fil-kapital ta' Grad 1 u CET1 taħt il-qafas ta' Basel III introdott gradwalment komplut.

<sup>2</sup> Il-paragrafu 156 jgħid: "Skont it-trattament deskritt fil-paragrafi 84 sa 89, fejn entità finanzjarja hija inkluż fil-konsolidazzjoni tal-kontabilità iżda mhux fil-konsolidazzjoni regolatorja, l-investimenti fil-kapital ta' dawn l-entitajiet huma meħtieġa li jiġu mnaqqsa sal-punt li dawn jaqbżu ċerti limiti. Biex jiġi żgurat li l-kapital u l-iskopertura huma mkejla b'mod konsistenti għall-finijiet tal-proporzjon ta' ingranaġġ, l-assi ta' tali entitajiet inklużi fil-konsolidazzjoni tal-kontabilità għandhom ikunu esklużi mill-kejl tal-iskopertura fi proporzjon mal-kapital li huwa eskluż taħt il-paragrafi 84 sa 89."

2.n(1)	Ammonti riċevibbli għall-kollateral f'kontanti mdaħħla fit-tranżazzjonijiet tad-derivattivi	Irrapporta l-ammonti riċevibbli netti għall-kollateral f'kontanti mdaħħla mill-bank bħala riżultat tar-responsabbiltà netta tal-bank għal tranżazzjonijiet ta' derivattivi kwalifikattivi li huma koperti minn ftehimiet ta' nettjar bil-miktub, eżegwibbli legalment fejn l-iskoperturi tad-derivattivi huma pprezzati skont il-valur fis-suq kuljum u huma soġġetti għal rekwiżiti ta' manutenzjoni tal-margġini kuljum (margġinijiet ta' varjazzjoni). Il-banek li taħt l-istandards ta' kontabilità applikabbli jitħallew jinnettjaw l-ammont riċevibbli għal kollateral f'kontanti mdaħħal għar-responsabbiltà tad-derivattivi korrispondenti (valur ġust negattiv) u li jagħżlu li jagħmlu dan, għandhom ireġġgħu lura n-nettjar u jirrapportaw l-ammont f'kontanti riċevibbli nett. B'hekk, din l-entrata għandha tinkludi l-valur tal-kollateral f'kontanti kollu mdaħħal fit-tranżazzjonijiet ta' derivattivi li naqqsu l-assi fuq il-karta bilanċjali tal-bank taħt il-qafas ta' kontabilità applikabbli.
2.n(2)	L-ammont nozzjonali nett tad-derivattivi ta' kreditu	Irrapporta l-ammont nozzjonali totali tal-protezzjoni ta' kreditu mibjugħa nieqes l-ammont ta' protezzjoni ta' kreditu kwalifikattiv mixtrija. Derivattivi ta' kreditu mixtri jikkwalifika għat-tnaqqis jekk ikopri l-istess isem ta' referenza sottostanti bħall-protezzjoni mibjugħa u għandu maturità ugwali għal jew akbar mill-maturità ta' dik il-protezzjoni (jiġifieri ma hemmx diskrepanza bejn il-protezzjoni miktuba u mixtrija). L-ismijiet ta' referenza huma l-istess biss jekk jirreferu għall-istess entità legali u livell ta' superjorità. Inkludi d-derivattivi ta' kreditu kemm mill-ktieb bankarju kif ukoll mill-ktieb kummerċjali. Il-protezzjoni mixtrija fuq grupp ta' entitajiet ta' referenza tista' tpaċi l-protezzjoni mibjugħa fuq ismijiet ta' referenza individwali jekk il-protezzjoni mixtrija tkun ekonomikament ekwivalenti għax-xiri ta' protezzjoni b' mod separat fuq kull wieħed mill-ismijiet individwali fil-grupp (dan ikun il-każ, pereżempju, jekk bank kellu jixtri protezzjoni fuq struttura ta' titolizzazzjoni sħiħa sabiex ipaċi l-protezzjoni mibjugħa fuq segment unilu tal-istess titolizzazzjoni). Jekk bank jixtri protezzjoni fuq grupp ta' ismijiet ta' referenza, iżda l-protezzjoni ta' kreditu ma tkoprix il-grupp kollu (jiġifieri l-protezzjoni tkopri biss subsett tal-grupp, bħal fil-każ ta' n-th għal derivattivi ta' inadempjenza ta' kreditu jew segment ta' titolizzazzjoni), allura t-tpaċija mhijiex permessa għall-protezzjoni mibjugħa fuq ismijiet ta' referenza individwali. Madankollu, tali protezzjoni mixtrija tista' tpaċi biss protezzjoni mibjugħa fuq grupp, jekk il-protezzjoni mixtrija tkopri s-subsett sħiħ tal-grupp li fuqu nbiegħet il-protezzjoni. Fi kliem ieħor, it-tpaċija tista' tkun rikonoxxuta biss meta l-grupp ta' entitajiet ta' referenza u l-livell ta' subordinazzjoni fiż-żewġ tranżazzjonijiet ikunu identiċi.
2.n(3)	L-ammont nozzjonali nett tad-derivattivi ta' kreditu għall-entitajiet fl-entrata 2.l.	Irrapporta l-ammont nozzjonali nett tad-derivattivi ta' kreditu għall-entitajiet ikkonsolidati għal finijiet ta' kontabilità, iżda mhux għal finijiet regolatorji bbażati fuq ir-riskju. L-iskopertura netta għandha tkun iddeterminata skont il-kriterji dettaljati fl-entrata 2.n (2).
2.n(4)	L-iskoperturi li jidhru u li ma jidhru fil-karta bilanċjali bejn l-entitajiet inklużi fl-entrata 2.l.	Irrapporta l-iskoperturi li jidhru u li ma jidhru fil-karta bilanċjali ta' kull entità għal entitajiet oħrajn ikkonsolidati għal finijiet ta' kontabilità, iżda mhux għal finijiet regolatorji bbażati fuq ir-riskju. L-iskopertura għandha tkun iddeterminata skont il-kriterji dettaljati fl-entrata 2.a sa 2.j, b'eċċezzjoni waħda: l-impenni kanċellabbli inkondizzjonalment għandhom ikunu inklużi wara li jiġi applikat fattur ta' konverżjoni tal-kreditu ta' 10%.
2.n(5)	L-iskoperturi li jidhru u li ma jidhru fil-karta bilanċjali ta' entitajiet inklużi fl-entrata 2.l. għal entitajiet ikkonsolidati għal finijiet regolatorji bbażati fuq ir-riskju	Irrapporta l-iskoperturi li jidhru u li ma jidhru fil-karta bilanċjali ta' kull entità ikkonsolidata għal finijiet ta' kontabilità iżda mhux għal finijiet regolatorji bbażati fuq ir-riskju, għal entitajiet ikkonsolidati għal finijiet regolatorji bbażati fuq ir-riskju. L-iskopertura għandha tkun iddeterminata skont il-kriterji dettaljati fl-entrati 2.a sa 2.j, b'eċċezzjoni waħda: l-impenni kanċellabbli inkondizzjonalment għandhom ikunu inklużi wara li jiġi applikat fattur ta' konverżjoni

		tal-kreditu ta' 10%.
2.n(6)	-iskoperturi li jidhru u li ma jidhru fil-karta bilanċjali ta' entitajiet ikkonsolidati għal finijiet regolatorji bbażati fuq ir-riskju inklużi fl-entrata 2.I.	Irrapporta l-iskoperturi li jidhru u li ma jidhru fil-karta bilanċjali ta' kull entità ikkonsolidata għal finijiet regolatorji bbażati fuq ir-riskju għal entitajiet ikkonsolidati għal finijiet ta' kontabilità iżda mhux għal finijiet regolatorji bbażati fuq ir-riskju. L-iskopertura għandha tkun iddeterminata skont il-kriterji dettaljati fl-entrati 2.a sa 2.j, b'eċċezzjoni waħda: l-impenji kanċellabbli inkondizzjonalment għandhom ikunu inklużi wara li jiġi applikat fattur ta' konverżjoni tal-kreditu ta' 10%. L-iskoperturi għall-entitajiet finanzjarji għandhom ikunu prorati skont il-paragrafu 156 (ara l-istruzzjonijiet għall-entrata 2.I).
2.n(7)	Skoperturi totali għall-kalkolu tal-proporzjon ta' ingranaġġ (definizzjoni ta' Jannar 2014)	Irrapporta l-iskoperturi totali kif definiti fil-qafas tal-proporzjon ta' ingranaġġ ta' Basel III ta' Jannar 2014. <sup>3</sup> Dan il-valur jista' jkun ikkalkulat permezz tal-verżjoni ta' Diċembru 2013 (v2.7) tal-workbook ta' monitoraġġ ta' Basel III.

### Sezzjoni 3, entrati 3.a sa 3.e: Assi tas-sistema intrafinanzjarja

Għall-fini tal-indikaturi ta' interkonnessjoni, l-istituzzjonijiet finanzjarji huma definiti bħala li jinkludu banek (u istituzzjonijiet oħrajn li jieħdu d-depożitu), kumpaniji azzjonarji bankarji, negozjanti fit-titoli, kumpaniji tal-assigurazzjoni, fondi reċiproċi, fondi ħeġġ, fondi tal-pensjonijiet, banek tal-investment u kontropartijiet ċentrali (CCPs). Il-banek ċentrali u korpi oħrajn tas-settur pubbliku (eż. banek ta' żvilupp multilaterali) huma esklużi, iżda l-banek kummerċjali proprjetà tal-istat huma inklużi. Is-Sezzjonijiet 3 u 4 huma t-tnejn relatati mal-attività intrafinanzjarja. Is-Sezzjoni 5 tirrigwarda t-titoli maħruġa mill-entità rilevanti.

Entrata	Tikketta	Deskrizzjoni
3.a	Fondi ddepożitati ma' jew mislufa lil istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn	Irrapporta l-fondi kollha ddepożitati ma' jew mislufa lil istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn (jiġifieri istituzzjonijiet finanzjarji bara l-grupp li qed jirrapporta). Is-self għandu jinkludi l-forom kollha ta' self fuq perjodu/rotanti, aċċettazzjonijiet ta' banek oħrajn, u estensjonijiet ta' kreditu oħrajn lil istituzzjonijiet finanzjarji. Tinkludix karta kummerċjali, li hija rrapportata fl-entrata 3.c(4). Id-depożiti għandhom jinkludu l-bilanċi dovuti mingħand l-istituzzjonijiet finanzjarji. Inkludi ċ-ċertifikati ta' depożitu, iżda tinkludix il-kontijiet ta' margġini.
3.a(1)	Ċertifikati ta' Depożitu	Irrapporta l-parteċipazzjonijiet totali ta' ċertifikati ta' depożitu dovuti mingħand istituzzjonijiet finanzjarji mhux assoċjati kif inklużi fl-entrata 3.a.
3.b	Linji impenjati mhux prelevati estiżi għal istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn	Irrapporta l-valur nominali tal-linji kollha impenjati mhux prelevati estiżi għal istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn.
3.c	Parteċipazzjonijiet ta' titoli maħruġa minn istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn	Din l-entrata għandha tirrifletti l-parteċipazzjonijiet kollha ta' titoli maħruġa minn istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn. Il-parteċipazzjonijiet totali għandhom ikunu rrapportati fil-valur ġust għat-titoli kklassifikati bħala miżmuma għan-negozju u disponibbli għall-bejgħ; it-titoli miżmuma sal-maturità għandhom ikun rrapportati fil-kost amortizzat. Tirrapportax prodotti fejn l-istituzzjoni emittenti ma tiggarrantix il-prestazzjoni tal-assi (eż. titoli garantiti b'assi). Jekk ma hemmx analiżi disponibbli għal valur wieħed jew aktar minn

<sup>3</sup> Ara <https://www.bis.org/publ/bcbs270.pdf>.

		dawn, jekk jogħġbok imla ċ-ċellola/i għall-valur(i) mhux disponibbli b' "0" u aġhti t-total disponibbli f' waħda mir-ringieli l-oħrajn tal-pannell. Is-sezzjoni tal-kummenti għar-ringiela bit-total disponibbli għandha tinkludi liema kategoriji sekondarji ġew inklużi.
3.c(1)	Titoli ta' dejn garantit	Irrapporta l-parteċipazzjonijiet totali ta' titoli ta' dejn garantit (eż. bonds koperti).
3.c(2)	Titoli ta' dejn mhux garantit ta' preferenza	Irrapporta l-parteċipazzjonijiet totali ta' titoli ta' dejn mhux garantit ta' preferenza.
3.c(3)	Titoli ta' dejn subordinat	Irrapporta l-parteċipazzjonijiet totali ta' titoli ta' dejn subordinat.
3.c(4)	Karta kummerċjali	Irrapporta l-parteċipazzjonijiet totali ta' karta kummerċjali ta' istituzzjonijiet finanzjarji mhux assoċjati.
3.c(5)	Ishma (inklużi l-parità u l-eċċess ta' ishma ordinarji u ta' preferenza)	Irrapporta l-parteċipazzjonijiet totali tal-ekwità, filwaqt li tinkludi l-ishma ordinarji u ta' preferenza.
3.c(6)	It-tpaċija ta' pożizzjonijiet qosra b'rabta mal-parteċipazzjonijiet fl-ishma speċifiċi inklużi fl-entrata 3.c(5)	Irrapporta l-valur ġust tar-responsabbiltajiet tal-grupp li qed jirrapporta u li jirriżultaw mill-pożizzjonijiet qosra miżmuma kontra l-parteċipazzjonijiet fl-ishma inklużi fl-entrata 3.c(5).
3.d	Skopertura kurrenti pożittiva netta ta' tranżazzjonijiet li jiffinanzjaw titoli ma' istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn	<p>Għandek tinkludi dawn li ġejjin: (a) l-iskopertura netta pożittiva tal-ftehim ta' retroriakkwist, fejn il-valur tal-kontanti pprovduti jaqbeż il-valur ġust tat-titoli riċevuti; (b) l-iskopertura netta pożittiva tal-ftehim ta' riakkwist, fejn il-valur ġust tat-titoli pprovduti jaqbeż il-valur tal-kontanti riċevuti; (c) l-iskopertura netta pożittiva tas-self ta' titoli, fejn il-valur ġust tat-titoli mislufa jaqbeż il-valur tal-kollateral f'kontanti riċevut (jew il-valur ġust ta' kollateral mhux f'kontanti riċevut); u (d) l-iskopertura netta pożittiva ta' teħid ta' self b'titoli, fejn il-valur tal-kollateral f'kontanti pprovdut (jew il-valur ġust ta' kollateral mhux f'kontanti pprovdut) jaqbeż il-valur ġust tat-titoli meħuda b'self.</p> <p>Il-valur irrapportat mhuwiex maħsub li jirrifletti l-ammonti rreġistrati fuq il-karta bilanċjali. Pjuttost, dan jirrappreżenta l-ammont wieħed legalment dovut għal kull sett tan-nettjar. In-nettjar għandu jintuża biss meta t-tranżazzjonijiet ikunu koperti minn ftehim ta' nettjar legalment eżegwibbli (ara l-paragrafu 173 taħt il-qafas ta' Basel II). Fejn dawn il-kriterji ma jkunux issodisfati, l-ammont gross tal-karta bilanċjali għandu jkun irrapportat. Tinkludix it-tranżazzjonijiet ta' self b'vejikolu.</p> <p>Fejn iridu jintużaw ammonti tal-karta bilanċjali (jiġifieri għal tranżazzjonijiet li ma jkunux taħt ftehim ta' nettjar eliġibbli), il-banek għandhom jirrapportaw fuq il-bażi tal-istandard ta' kontabilità li speċifikaw fl-entrata 1b(5).</p>
3.e	Derivattivi barra l-Borża (OTC) ma' istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn li għandhom valur ġust pożittiv nett	
3.e(1)	Valur ġust pożittiv nett (inkludi l-kollateral miżmum jekk huwa fil-ftehim prinċipali ta' netting)	Irrapporta t-total tal-iskoperturi tad-derivattivi barra l-Borża b'valur ġust pożittiv nett innettjati biss meta dawn ikunu legalment eżegwibbli u skont ir-regoli ta' nettjar regolatorju ta' Basel II (jiġifieri settijiet jew gruppi ta' nettjar speċifikati u legalment eżegwibbli). Is-settijiet ta' nettjar b'valur pożittiv biss għandhom ikunu inklużi. Is-settijiet ta' nettjar fejn ir-riżultat nett huwa negattiv għandhom jiġu inklużi fl-entrata 4.e(1). Basel II jiddefinixxi s-settijiet ta' nettjar fl-Anness 4 tal-qafas ta' Basel II. Inkludi l-kollateral miżmum biss jekk ikun fil-ftehim prinċipali ta' netting (jiġifieri skont l-Annessi ta' Appoġġ tal-Kreditu (CSAs) legalment eżegwibbli). Jekk applikabbli, il-pożizzjonijiet netti kollateral opposti (eż. margġini inizjali mdaħħal bil-margġini ta' varjazzjoni miżmum). Naqqas il-pożizzjoni kollaterali netta mill-obbligu sottostanti biss jekk inaqqas l-iskopertura globali. Jekk il-kollateral nett jaqbeż l-obbligu ta' f'ħlas dovut lill-bank, niżżel valur ġust ta' zero għas-sett ta' nettjar.
3.e(2)	Skopertura futura potenzjali	Irrapporta l-ammont ta' skopertura futura potenzjali (PFE), ikkalkulat, permezz tal-metodu ta' skopertura kurrenti, għad-

		derivattivi inklużi fl-entrata 3.e(1). Inkludi l-PFE għal kwalunkwe sett ta' nettjar b'valur ġust ta' żero.

## Sezzjoni 4, entrati 4.a sa 4.g: Obligazzjonijiet tas-sistema intrafinanzjarja

Entrata	Tikketta	Deskrizzjoni
4.a	Depożiti dovuti lil istituzzjonijiet depożitarji	Irrapporta t-total tad-depożiti dovuti lill-(jiġifieri ddepożitati mill-) istituzzjonijiet depożitarji.
4.b	Depożiti dovuti lil istituzzjonijiet finanzjarji mhux depożitarji	Irrapporta t-total tad-depożiti dovuti lill-istituzzjonijiet finanzjarji mhux depożitarji.
4.c	Linji impenjati mhux prelevati miksuba mingħand istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn	Irrapporta l-valur nominali tal-linji impenjati mhux prelevati kollha miksuba mingħand istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn.
4.d	L-iskopertura kurrenti negattiva netta tat-tranżazzjonijiet li jiffinanzjaw titoli ma' istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn	Għandha tinkludi: (a) l-iskopertura netta negattiva tal-ftehim ta' retroriakkwist, fejn il-valur ġust tat-titoli riċevnut jaqbeż il-valur tal-kontanti pprovduti; (b) -iskopertura netta negattiva tal-ftehim ta' riakkwist, fejn il-valur tal-kontanti riċevuti jaqbeż il-valur ġust tat-titoli pprovduti; (c) l-iskopertura netta negattiva tas-self ta' titoli, fejn il-valur tal-kollateral f'kontanti riċevut (jew il-valur ġust ta' kollateral mhux f'kontanti riċevut) jaqbeż il-valur ġust tat-titoli mislufa; u (d) l-iskopertura netta negattiva ta' teħid ta' self b'titoli, fejn il-valur ġust tat-titoli meħuda b'self jaqbeż il-valur tal-kollateral f'kontanti pprovdut (jew il-valur ġust tal-kollateral mhux f'kontanti pprovdut). Il-valur irrapportat mhuwiex maħsub li jirrifletti l-ammonti rreġistrati fuq il-karta bilanċjali; pjuttost, dan jirrappreżenta l-ammont wieħed legalment dovut għal kull sett tan-nettjar. In-nettjar għandu jintuża biss meta t-tranżazzjonijiet ikunu koperti minn ftehim ta' nettjar legalment eżegwibbli (ara l-paragrafu 173 taħt il-qafas ta' Basel II). Fejn dawn il-kriterji ma jkunux issodisfati, l-ammont gross tal-karta bilanċjali għandu jkun irrapportat. Tinkludix it-tranżazzjonijiet ta' self b'vejikolu. Fejn iridu jintużaw ammonti tal-karta bilanċjali (jiġifieri għal tranżazzjonijiet li ma humiex taħt ftehim ta' nettjar eliġibbli), il-banek għandhom jirrapportaw fuq il-bażi tal-istandard ta' kontabilità li speċifikaw fl-entrata 1b(5).
4.e(1)	Valur ġust negattiv nett (inkludi l-kollateral ipprovdut jekk huwa fil-ftehim prinċipali ta' netting)	Irrapporta t-total ta' obligazzjonijiet derivattivi barra l-Borża b'valur ġust nett innettjati biss meta dawn ikunu legalment eżegwibbli u skont ir-regoli ta' nettjar regolatorji ta' Basel II (jiġifieri settijiet jew gruppi ta' nettjar speċifikati u legalment eżegwibbli). Settijiet ta' nettjar b'valur negattiv biss għandhom ikunu inklużi hawnhekk. Settijiet ta' nettjar fejn ir-riżultat nett huwa pożittiv biss għandhom ikunu inklużi fl-entrata 3.e (1). Basel II jiddefinixxi s-settijiet ta' nettjar fl-Anness 4 tal-qafas ta' Basel II. Inkludi l-kollateral ipprovdut biss jekk ikun fil-ftehim prinċipali ta' netting (jiġifieri skont l-Annessi ta' Appoġġ tal-Kreditu (CSAs) legalment eżegwibbli)). Jekk applikabbli, il-pożizzjonijiet netti kollaterali opposti (eż. marġini inizjali miżmum bil-marġini ta' varjazzjoni mdaħħal). Naqqas il-pożizzjoni kollaterali netta mill-obbligu sottostanti biss jekk inaqqas l-iskopertura globali. Jekk il-kollateral nett jaqbeż l-obbligu ta' ħlas dovut lill-kontroparti, niżżel valur ġust ta' żero għas-sett ta' nettjar.
4.e(2)	Skopertura futura potenzjali (PFE)	Irrapporta l-ammont tal-PFE, ikkalkulat permezz tal-metodu ta' skopertura kurrenti, għad-derivattivi inklużi fl-entrata 4.e(1).
4.f(1)	Fondi meħuda b'self mingħand istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn	Irrapporta l-ammont ta' fondi meħuda b'self mingħand istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn (jiġifieri istituzzjonijiet finanzjarji barra l-grupp li qed jirrapporta). Inkludi fondi meħuda b'self kemm

		mingħand istituzzjonijiet depożitarji kif ukoll mingħand dawk li mhumiex. Tinkludix il-karta kummerċjali.
4.f(2)	Ċertifikati ta' depożitu inklużi fl-entrati 4.a u 4.b	Irrapporta l-valur ta' ċertifikati ta' depożitu inklużi fl-entrati 4.a u 4.b.

## Sezzjoni 5, entrati 5.a sa 5.h: Titoli pendenti

Il-komponenti li ġejjin għandhom jirriflettu l-valur tat-titoli pendenti maħruġa mill-entità li qiegħda tagħmel ir-rapport. Jekk jogħġbok tagħmilx distinzjoni bejn attività intrafinanzjarja u attività oħra. Tirrapportax prodotti fejn l-istituzzjoni li qiegħda tirrapporta ma tiggarrantixxix il-prestazzjoni tal-assi (eż. titoli garantiti b'assi).

Jekk ma hemmx analiżi disponibbli għal valur wieħed jew aktar minn dawn, jekk jogħġbok imla ċ-ċellola/i għall-valur(i) mhux disponibbli b' "0" u agħti t-total disponibbli f'waħda mir-ringieli l-oħrajn tal-pannell. Is-sezzjoni tal-kummenti għar-ringiela bit-total disponibbli għandha tinkludi liema kategoriji sekondarji ġew inklużi.

Entrata	Tikketta	Deskrizzjoni
5.a	Titoli ta' dejn garantit	Irrapporta l-valur tat-titoli kollha pendenti ta' dejn garantit (eż. bonds koperti) maħruġa mill-entità rilevanti.
5.b	Titoli ta' dejn mhux garantit ta' preferenza	Irrapporta l-valur kontabilistiku tat-titoli kollha pendenti ta' dejn mhux garantit ta' preferenza maħruġa mill-entità rilevanti.
5.c	Titoli ta' dejn subordinat	Irrapporta l-valur kontabilistiku tat-titoli kollha pendenti ta' dejn subordinat maħruġa mill-entità rilevanti.
5.d	Karta kummerċjali	Irrapporta l-valur kontabilistiku tal-karti kummerċjali kollha pendenti maħruġa mill-entità rilevanti.
5.e	Ċertifikati ta' depożitu	Irrapporta l-valur kontabilistiku ta' kull ċertifikat ta' depożitu pendenti maħruġa mill-grupp li qed jirrapporta.
5.f	Ekwità komuni	Irrapporta l-valur ġust tal-ishma kollha pendenti ta' ekwità komuni maħruġa mill-grupp li qed jirrapporta. Tinkludix ċertifikati ta' banek reċiproċi. Barra minn hekk, tinkludix ishma pendenti li għalihom mhemmx disponibbli prezz tas-suq, peress li dawn jitniżżlu separatament fl-entrata 5.h.(1).
5.g	Ishma ta' preferenza u kwalunkwe forma oħra ta' finanzjament subordinat li ma huwiex inkluż fl-entrata 5.c.	Irrapporta l-valur ġust tal-ishma ta' preferenza kollha pendenti maħruġa mill-grupp li qed jirrapporta. Inkludi wkoll kwalunkwe forma oħra ta' finanzjament subordinat li ma huwiex inkluż fl-entrata 5.c. Tinkludix ishma pendenti li għalihom mhemmx disponibbli prezz tas-suq, peress li dawn jitniżżlu separatament fl-entrata 5.h.(1).
5.h(1)	Il-valur kontabilistiku tal-ekwitajiet li għalihom mhemmx prezz tas-suq disponibbli	Irrapporta l-valur kontabilistiku tal-ekwitajiet, inklużi l-ishma ordinarji u ta' preferenza (primjum) li għalihom mhemmx prezz tas-suq disponibbli. Tinkludix ċertifikati ta' banek reċiproċi.

## Sezzjoni 6, entrati 6.a sa 6.m: Attività ta' pagamenti

Entrata	Tikketta	Deskrizzjoni
6.a sa 6.m 6.m(1) sa (3)	Pagamenti magħmula fis-sena ta' rapportar (minbarra l-pagamenti intragrupp)	Irrapporta l-valur gross totali tal-pagamenti kollha f'kontanti mibgħuta mill-grupp li qed jirrapporta permezz ta' sistemi ta' pagamenti ta' valur kbir, flimkien mal-valur gross tal-pagamenti kollha f'kontanti mibgħuta permezz ta' bank aġent (eż. permezz ta' kont korrispondenti jew nostro), tul is-sena ta' rapportar f'kull munita indikata. Il-pagamenti kollha mibgħuta permezz ta' bank aġent għandhom ikunu rrapportati, irrispettivament minn kif il-bank aġent effettivament iwettaq it-tranżazzjoni. Tinkludix tranżazzjonijiet intragrupp (jiġifieri tranżazzjonijiet magħmula fi ħdan jew bejn

	<p>entitajiet li jappartjenu għall-grupp li qed jirrapporta).</p> <p>Il-pagamenti għandhom ikunu rrapportati irrispettivament mill-għan, mill-post, jew mill-metodu ta' kif isiru. Dan jinkludi – iżda mhux biss limitat għal – pagamenti f'kontanti assoċjati ma' derivattivi, tranżazzjonijiet li jiffinanzjaw titoli, u tranżazzjonijiet ta' kambju. Tinkludix il-valur ta' entrati mhux f'kontanti mħallsa b'konnessjoni ma' dawn it-tranżazzjonijiet. Inkludi l-entità li qiegħda tirrapporta kif ukoll dawk magħmula f'isem l-entità li qiegħda tirrapporta u klijenti kummerċjali oħrajn). Tinkludix pagamenti magħmula permezz ta' sistemi ta' pagament bl-imnut.</p> <p>Inkludi biss pagamenti f'isem (jiġifieri esklużi pagamenti riċevuti). Inkludi l-ammont ta' pagamenti magħmula f'CLS. Minbarra l-pagamenti CLS, tinnettja ebda valur ta' pagamenti bl-ingrossa f'isem, anki jekk it-tranżazzjoni tħallset fuq bażi nett (jiġifieri l-pagamenti kollha bl-ingrossa magħmula f'sistemi ta' pagamenti ta' valur kbir jew permezz ta' aġent għandhom ikunu rrapportati fuq bażi gross). Il-pagamenti bl-imnut mibgħuta permezz ta' sistemi ta' pagament ta' valur kbir jew permezz ta' aġenti jistgħu jkunu rrapportati fuq bażi nett. Jekk ma jkunux disponibbli t-totali grossi preċiżi, tista' tirrapporta sopravalutazzjonijiet magħrufa.</p> <p>Jekk jogħġbok irrapporta l-valuri fil-valuti oriġinali tagħhom, billi tuża l-unità ta' rapportar speċifikata f'1.b(4).</p>
--	---

## Sezzjoni 7, entrata 7.a: Assi taħt kustodja

Entrata	Tikketta	Deskrizzjoni
7.a	Il-valur tal-assi miżmuma bħala depożitarju f'isem il-klijenti	<p>Irrapporta l-valur tal-assi kollha, billi tinkludi l-assi transkonfinali li l-grupp li qed jirrapporta żamm bħala depożitarju f'isem il-klijenti, inklużi ditti finanzjarji oħrajn (jiġifieri istituzzjonijiet finanzjarji barra l-grupp li qed jirrapporta). Inkludi dawn l-assi anki jekk qegħdin jinżammu minn istituzzjonijiet mhux assoċjati (eż depożitarji ċentrali tat-titoli, sistemi ta' pagament, banek ċentrali u sottokustodji).</p> <p>Tinkludix assi taħt għestjoni jew assi taħt amministrazzjoni li mhumiex ikklassifikati bħala assi taħt kustodja. Għall-finijiet ta' dan ir-rapport, kustodju huwa definit bħala bank jew organizzazzjoni oħra li għestixxi jew tamministra l-kustodja jew is-salvagwardja ta' ċertifikati ta' ishma, titoli tad-dejn, jew assi oħrajn għal investituri istituzzjonali u privati.</p>

## Sezzjoni 8, entrati 8a sa 8b: Tranżazzjonijiet sottoskritti fis-swieq tad-dejn u tal-ekwià

Inkludi s-sottoskrizzjonijiet kollha matul is-sena ta' rapportar fejn il-bank kien obligat jixtri titoli mhux mibjugħa. Meta s-sottoskrizzjoni tkun fuq bażi tal-aħjar sforz (jiġifieri l-bank mhuwiex obligat jixtri l-inventarju li jifdal), inkludi biss it-titoli li effettivament inbiegħu.

Entrata	Tikketta	Deskrizzjoni
8.a	Attività ta' sottoskrizzjoni tal-ekwià	<p>Irrapporta l-valur totali ta' kull tip ta' strument tal-ekwià sottoskritti matul is-sena ta' rapportar, filwaqt li teskludi t-tranżazzjonijiet ma' sussidjarji u/jew assoċjati u tranżazzjonijiet immexxija mill-grupp stess. Dan jinkludi kull tip ta' tranżazzjonijiet tas-suq tal-ekwià bħal offerti pubbliċi inizjali, offerti addizzjonali ta' azzjonijiet ordinarji, unitajiet, riċevuti depożitarji (eż. Riċevuti Depożitarji Amerikani (ADRs) u Riċevuti Depożitarji Globali (GDRs)), u offerti ta' drittijiet. Inkludi wkoll tranżazzjonijiet marbuta mal-ekwià bħal bonds konvertibbli, bonds privileġġjati konvertibbli, u bonds skambjabbli. Inkludi kull tip ta' tranżazzjoni fil-maturitajiet kollha. Tiddistingwix bejn tranżazzjonijiet front-end, back-end, u tal-aħjar sforz. Tagħmilx distinzjoni rigward il-maturità, il-munita, jew is-suq ta' ħruġ. It-titoli ta' ekwià b'derivattivi inkorporati għandhom ikunu inklużi, filwaqt li derivattivi awtonomi sottoskritti għandhom ikunu esklużi. Rigward id-delineazzjoni bejn titotli b'derivattivi inkorporati u derivattivi awtonomi, uża d-definizzjonijiet diġà eżistenti fl-IFRS jew fil-US GAAP. F'każ li r-rapportar huwa bbażat fuq standard ta' kontabilità nazzjonali fejn id-distinzjoni ma teżistix, għandek tuża d-definizzjoni tal-IFRS.</p>
8.b	Attività ta' sottoskrizzjoni tad-dejn	<p>Irrapporta l-valur totali ta' kull tip ta' strument tad-dejn sottoskritti matul is-sena ta' rapportar, filwaqt li teskludi t-tranżazzjonijiet fi ħdan il-grupp u t-tranżazzjonijiet immexxija mill-grupp stess. Dan jinkludi kull tip ta' tranżazzjonijiet sottoskritti relatati ma' titoli tad-dejn. Il-valur għandu jinkludi kemm l-istrumenti tad-dejn garantiti (eż. bonds koperti, tranżazzjonijiet ta' titoli garantiti b'assi (ABS), eċċ.) kif ukoll strumenti tad-dejn mhux garantiti. Inkludi kull tip ta' tranżazzjoni fil-maturitajiet kollha. Tiddistingwix bejn tranżazzjonijiet front-end, back-end, u tal-aħjar sforz. Tagħmilx distinzjoni rigward il-maturità, il-munita, jew is-suq ta' ħruġ. Tagħmilx distinzjoni bejn dejn sovrani u dejn korporattiv. It-titoli tad-dejn b'derivattivi inkorporati għandhom ikunu inklużi wkoll. Għal aktar dettalji dwar id-derivattivi inkorporati, irreferi għall-istruzzjonijiet għall-entrata 8.a. L-istrumenti li jistgħu jkunu allokat i kemm għall-entrata 8.a kif ukoll għall-entrata 8.b (eż. bonds b'ċertifikati annessi) ma għandhomx jingħaddu darbtejn. L-istituzzjonijiet li jkunu qegħdin jirrapportaw jistgħu jstabilixxu d-delineazzjoni kif jidhrilhom huma stess.</p>

## Sezzjoni 9, entrati 9.a sa 9.b: Ammont nozzjonali ta' derivattivi barra l-Borża (OTC)

Dan l-indikatur huwa mfassal sabiex ikejjel l-ambitu tal-impenn tal-grupp li qed jirrapporta fi tranżazzjonijiet ta' derivattivi OTC u għandu jinkludi kull tip ta' kategorija u strument ta' riskju. Għal deskrizzjoni dettaljata dwar it-tipi ta' strumenti u kategoriji ta' riskju, ara t-tabella 19 tal-Anness tal-Istatistika tal-Analiżi Trimestrali tal-BIS (Bank għall-Flasijiet Internazzjonali). Il-kollateral ma għandux jitnaqqas meta tirrapporta l-valuri nozzjonali tad-derivattivi. Innota li t-total tal-entrati 9.a u 9.b għandhom ikunu ugwali għall-valur irrapportat fit-tabella 19 tal-Analiżi Trimestrali tal-BIS.



Entrata	Tikketta	Deskrizzjoni
9.a	Derivattivi OTC ikklerjati permezz ta' kontroparti ċentrali	Irrapporta l-ammont nozzjonali pendenti ta' pożizzjonijiet derivattivi OTC li ġew ikklerjati permezz ta' kontroparti ċentrali. Inkludi kull tip ta' kategorija u strument ta' riskju (eż. kambju, rata tal-imgħax, ekwità, komoditajiet, u swaps ta' inadempjenza tal-kreditu (CDS)).
9.b	Derivattivi OTC imħallsa b'mod bilaterali	Irrapporta l-ammont nozzjonali pendenti ta' pożizzjonijiet derivattivi OTC li ġew imħallsa b'mod bilaterali (jiġifieri mingħajr l-użu ta' kontroparti ċentrali). Inkludi kull tip ta' kategorija u strument ta' riskju (eż. kambju, rata tal-imgħax, ekwità, komoditajiet, u CDS).

### Sezzjoni 10, entrati 10.a sa 10.f: Titoli kummerċjali u disponibbli għall-bejgħ (AFS)

Dan l-indikatur għandu l-għan li jinkludi l-valur ta' titoli (jiġifieri bonds u ishma) li, jekk jinbiegħu malajr matul il-perjodi ta' stress qawwi fuq is-suq, huma aktar probabbli li jġarrbu skontijiet akbar ta' bejgħ bl-għaġġla jew telf impost sabiex jikkompensaw għal riskju għoli tas-suq. Huwa jitkejjel bħala l-ammont totali ta' titoli fil-kategoriji ta' kontabilità miżmuma għan-negozju (HFT) u disponibbli għall-bejgħ (AFS)<sup>4</sup> nieqes is-subsett ta' titoli miżmuma f'dawk il-kategoriji li jissodisfaw id-definizzjoni ta' assi ta' Livell 1 u ta' Livell 2 kif definit fil-Proporzjon tal-Kopertura tal-Likwidità (LCR) ta' Basel III.<sup>5</sup>

Il-valuri kollha rrapportati għandhom ikunu sad-data ta' rapportar u mogħtija fuq bażi twila gross (jiġifieri l-pożizzjonijiet qosra ma għandhomx ikunu nnettjati kontra l-pożizzjonijiet twal). B'hekk, għall-pożizzjonijiet twal u qosra fl-istess CUSIP, irrapporta l-pożizzjoni twila qabel kwalunkwe nettjar tas-CUSIP.

Entrata	Tikketta	Deskrizzjoni
10.a	Titoli miżmuma għan-negozju (HFT)	Irrapporta l-valur ġust tat-titoli kollha kklassifikati bħala HFT, li jinkludi kwalunkwe titolu li għalih tintgħażel l-opzjoni tal-valur ġust (speċifikat fil-valur ġust (DaFV)). It-titoli li huma maħsuba sabiex jinżammu l-aktar biex jinbiegħu fi żmien qasir għandhom ikunu kklassifikati bħala assi kummerċjali. L-attività kummerċjali tinkludi bejgħ u xiri attiv u frekwenti ta' titoli bl-iskop li jiġi ġġenerat il-qligħ fuq ċaqliq fil-prezz fuq terminu qasir. It-titoli miżmuma għal skopijiet kummerċjali għandhom ikunu rrapportati fil-valur ġust. Tinkludix self, derivattivi, u assi mhux negozzjabbli (eż. ammonti riċevibbli).
10.b	Titoli disponibbli għall-bejgħ (AFS)	Irrapporta l-valur ġust tat-titoli kollha kklassifikati bħala AFS. It-titoli kollha mhux ikkategorizzati bħala titoli kummerċjali, jew miżmuma sal-maturità (HTM) għandhom ikunu rrapportati bħala AFS. Tinkludix self, derivattivi, u assi mhux negozzjabbli (eż. ammonti riċevibbli).
10.c	Titoli kummerċjali u AFS li jikkwalifikaw bħala assi ta' Livell 1	Irrapporta l-valur ġust tat-titoli kollha kummerċjali u AFS li jikkwalifikaw bħala assi ta' Livell 1 skont il-paragrafi 50(c), 50(d) u 50(e) tal-LCR ta' Basel III. Inkludi titoli kwalifikattivi anki jekk ma jissodisfawx ir-rekwiżiti operattivi tal-LCR deskritti fil-paragrafi 31-40.
10.e	Titoli kummerċjali u AFS li jikkwalifikaw bħala assi ta' Livell 2, b'telf impost	Irrapporta l-valur ġust, wara li tkun applikajt it-telf impost, tat-titoli kollha kummerċjali u AFS li jikkwalifikaw bħala assi ta' Livell 2 skont il-paragrafi 52 u 54 tal-LCR ta' Basel III. Inkludi titoli kwalifikattivi anki jekk ma jissodisfawx ir-rekwiżiti operattivi tal-LCR deskritti fil-paragrafi 31-40. Assi RMBS tal-Livell 2A, Livell 2B, u non-RMBS ta' Livell 2B għandhom ikunu rrapportati b'telf impost ta' 15%, 25%, u

<sup>4</sup> Għal aktar gwida dwar il-kategoriji ta' kontabilità kummerċjali, AFS, DaFV, jew HTM, jekk jogħġbok irreferi għad-definizzjonijiet xierqa tal-IFRS.

<sup>5</sup> Ara Basel III: Il-Proporzjoni tal-Kopertura tal-Likwidità u l-għodod ta' monitoraġġ tar-riskju tal-likwidità fuq [www.bis.org/publ/bcbs238.pdf](http://www.bis.org/publ/bcbs238.pdf)

		50%, rispettivamente.
10.e(1)	Titoli miżmua sal-maturità (HTM)	Irrapporta l-valur kontabilistiku tat-titoli kollha kklassifikati bħala miżmuma sal-maturità (HTM). Din l-entrata tinkludi t-titoli tad-dejn kollha li istituzzjoni għandha l-ħsieb pożittiv u l-kapaċità li żżomm sal-maturità.

## Sezzjoni 11, entrata 11a: Assi ta' Livell 3

Entrata	Tikketta	Deskrizzjoni
11.a	Assi vvalutati permezz ta' inputs ta' kejl tal-Livell 3	<p>Irrapporta l-valur tal-assi kollha pprezzati fuq bażi rikorrenti permezz ta' inputs ta' kejl tal-Livell 3. L-istandards ta' kontabilità rikonoxxuti b'mod internazzjonali normalment jużaw ġerarkija ta' valur ġust fuq tliet livelli li tagħti prijorità lill-inputs użati għall-kejl tal-valur ġust ibbażat fuq l-osservabbiltà.</p> <p>L-inputs ta' kejl tal-valur ġust tal-Livell 3, għalkemm mhumiex faċilment osservabbli fis-suq, jintużaw biex jiġi żviluppat prezz ta' ħruġ għall-assi (jew għall-obbligazzjoni) mill-perspettiva tal-parteċipant fis-suq. Għaldaqstant l-inputs ta' kejl tal-valur ġust tal-Livell 3 għandhom jirriflettu s-suppożizzjonijiet proprji tal-grupp li qed jirrapporta dwar is-suppożizzjonijiet li parteċipant fis-suq juża fl-ipprezzar ta' assi (jew obbligazzjoni) u għandhom ikunu bbażati fuq l-aħjar informazzjoni disponibbli fiċ-ċirkostanzi partikolari. Il-livell fil-ġerarkija tal-valur ġust li fiha l-kejl tal-valur ġust huwa kkategorizzat huwa ddeterminat fuq il-bażi tal-input tal-inqas livell li huwa sinifikanti għall-kejl sħiħ tal-valur ġust. Jekk kejl ta' valur ġust juża inputs osservabbli li jeżiġu aġġustament sinifikanti bbażat fuq inputs mhux osservabbli, mela dan huwa kkunsidrat bħala kejl tal-Livell 3. Jekk l-istandard tal-kontabilità indikat fl-entrata 1.b(5) ma jkollux definizzjoni ekwivalenti għall-assi tal-Livell 3, ikkonsulta mal-awtorità kompetenti għal aktar gwida.</p>

## Sezzjoni 12, entrata 12.a sa 12.(b): Pretensjonijiet transġurisdizzjonali

Dan l-indikatur juża data li l-banek attivi internazzjonalment jirrapportaw lill-banek ċentrali fil-ġurisdizzjoni ta' pajjiżhom għall-kompilazzjoni tal-istatistika bankarja internazzjonali kkonsolidata tal-BIS (ara l-Kolonna S tat-Tabella 9C tal-Anness tal-Istatistika tal-Analiżi Trimestrali tal-BIS). Il-banek jirrapportaw dawn iċ-ċifri kull tliet xhur għall-pożizzjoni kkonsolidata tal-istituzzjoni tagħhom.

Jekk il-grupp li jkun qed jirrapporta ma jkunx jista' jikkompila d-data meħtieġa, ikkuntattja lill-awtorità kompetenti għal aktar gwida.

Entrata	Tikketta	Deskrizzjoni
12.a	It-total tal-pretensjonijiet barranin fuq bażi ta' riskju finali	<p>Irrapporta l-valur tal-pretensjonijiet kollha fuq is-setturi kollha li, fuq bażi ta' riskju finali, huma pretensjonijiet transkonfinali, pretensjonijiet lokali ta' assoċjati barranin f'munita barranija, jew pretensjonijiet lokali ta' assoċjati barranin fil-munita lokali.<sup>6</sup> Il-pretensjonijiet transkonfinali jestendu minn uffiċċju f'pajjiż għal mutwatarju f'pajjiż ieħor. Il-pretensjonijiet lokali ta' assoċjati barranin f'munita barranija u lokali jestendu mill-uffiċċju lokali tal-bank għal mutwatarji f'dak il-post.</p> <p>Il-pretensjonijiet jinkludu depożiti u bilanċi mqiegħda f'banek oħrajn, self u f'las bil-quddiem lil banek u dawk li mhumiex banek, u investimenti ta' titoli u parteċipazzjonijiet. Tinkludix pretensjonijiet minn pożizzjonijiet f'kuntratti derivattivi. Billi din id-data tirreferi għal attivitajiet ikkonsolidati, hija teskludi kull pretensjoni fi f'dan l-uffiċċju.</p>
12.b(1)	Pretensjonijiet derivattivi barranin fuq bażi ta' riskju finali	<p>Irrapporta l-valur għust pożittiv tal-pretensjonijiet derivattivi kollha li, fuq bażi ta' riskju finali, huma pretensjonijiet transkonfinali, pretensjonijiet lokali ta' assoċjati barranin f'munita barranija, jew pretensjonijiet lokali ta' assoċjati barranin f'munita lokali. Il-pretensjonijiet transkonfinali jestendu minn uffiċċju f'pajjiż għal mutwatarju f'pajjiż ieħor. Il-pretensjonijiet lokali ta' assoċjati barranin f'munita barranija u lokali jestendu mill-uffiċċju lokali tal-bank għal mutwatarji f'dak il-post. Id-derivattivi jinkludu kuntratti forward, swaps u opzjonijiet relatati mal-kambju, ir-rata tal-imgħax, l-ekwità, il-komodità u l-istrumenti ta' kreditu. Derivattivi ta' kreditu mixtrija, bħal swaps ta' inadempjenza tal-kreditu u swaps tar-redditu totali, għandhom ikunu rrapportati biss jekk huma kklassifikati bħala miżmuma għan-negozju. Derivattivi ta' kreditu mibjugħa huma kklassifikati bħala garanziji u għaldaqstant ma għandhomx ikunu rrapportati. Innota li l-istrumenti derivattivi kollha b'valur għust pożittiv għandhom ikunu ttrattati bħala pretensjonijiet. Ir-rapportar ta' "pożizzjonijiet netti" huwa permess biss jekk l-istandard ta' kontabilità nazzjonali applikabbli jippermetti n-nettjar ta' diversi swaps pariġġ (skont il-munita u l-maturità) mal-istess kontroparti li hija koperta taħt ftehim ta' nettjar legalment eżegwibbli.</p>

### Sezzjoni 13, entrati 13.a sa 13.c: Obbligazzjonijiet transġurisdizzjonali

Dan l-indikatur jikkombina data rrapportata bħala parti tal-istatistika bankarja tal-lokalità tal-BIS b'ċifri li huma rrapportati għall-istatistika bankarja kkonsolidata tal-BIS. Biex jitqabbel it-trattament fl-indikatur tal-assi transġurisdizzjonali, l-obbligazzjonijiet tal-uffiċċji kollha (jiġifieri l-kwartieri ġenerali, il-fergħat u s-sussidjarji f'ġurisdizzjonijiet differenti) mal-entitajiet barra s-suq domestiku huma inklużi flimkien mal-obbligazzjonijiet lejn in-non-residenti fil-pajjiż domestiku. Tinkludix obbligazzjonijiet fi f'dan l-uffiċċju.

Peress li s-sett ta' data tal-istatistika bankarja kkonsolidata tal-BIS ma jinkludix kunċett simili għal pretensjonijiet barranin għall-obbligazzjonijiet, iċ-ċifri individwali rrapportati għal banek ċentrali differenti għall-istatistika tal-lokalità tal-BIS jeħtieġu li jkunu aggregati u mbagħad ikkombinati mal-informazzjoni dwar l-obbligazzjonijiet bejn l-uffiċċji.

<sup>6</sup> Għal deskrizzjoni sħiħa tad-data, tad-definizzjonijiet u tal-kopertura, ara l-Linji Gwida għall-istatistika bankarja kkonsolidata internazzjonali fuq [www.bis.org/statistics/consbankstatsguide.pdf](http://www.bis.org/statistics/consbankstatsguide.pdf).

Jekk il-grupp li qed jirrapporta ma jistax jikkompila d-data meħtieġa huwa stess, ikkuntattja lill-awtorità kompetenti għal aktar gwida.

Entrata	Tikketta	Deskrizzjoni
13.a	L-obbligazzjonijiet barranin (minbarra l-obbligazzjonijiet lokali fil-munita lokali)	Irrapporta t-total tal-obbligazzjonijiet barranin kollha, minbarra l-obbligazzjonijiet minn pożizzjonijiet f'kuntratti derivattivi. Iċ-ċifri huma rrapportati mill-uffiċċji f'kull ġurisdizzjoni individwali lill-bank ċentrali rilevanti għall-kompilazzjoni tal-istatistika bankarja internazzjonali kkonsolidata tal-BIS (ara l-kolonna 'Pożizzjonijiet totali, Obb.' fit-Tabella 8A tal-Anness tal-Istatistika tar-Reviżjoni Trimestrali tal-BIS).
13.a(1)	Kwalunkwe obbligazzjoni barranija għal uffiċċji relatati inklużi fl-entrata 13.a	Irrapporta l-valur ta' kwalunkwe obbligazzjoni inkluża fl-entrata 13.a li hija għall-uffiċċji barranin tal-istess grupp li qed jirrapporta. Iċ-ċifri huma rrapportati mill-uffiċċji f'kull ġurisdizzjoni individwali lill-bank ċentrali rilevanti għall-kompilazzjoni tal-istatistika bankarja internazzjonali kkonsolidata tal-BIS (ara l-kolonna 'Pożizzjonijiet totali, li minnhom: vis-à-vis uffiċċji relatati, Obb.' fit-Tabella 8A tal-Anness tal-Istatistika tar-Reviżjoni Trimestrali tal-BIS). Innota li din iċ-ċifra għandha tkun subsett tal-entrata 13.a.
13.b	Obbligazzjonijiet lokali fil-munita lokali	Irrapporta l-valur tal-obbligazzjonijiet kollha tal-uffiċċji barranin fil-munita lokali, minbarra l-obbligazzjonijiet minn pożizzjonijiet f'kuntratti derivattivi. Din iċ-ċifra hija rrapportata minn banek internazzjonalment attivi lill-bank ċentrali fil-ġurisdizzjoni domestika tagħhom għall-kompilazzjoni tal-istatistika bankarja internazzjonali kkonsolidata tal-BIS (ara l-kolonna M tat-Tabella 9A tal-Anness tal-Istatistika tar-Reviżjoni Trimestrali tal-BIS).
13.c(1)	Obbligazzjonijiet derivattivi barranin fuq bażi ta' riskju finali	Irrapporta l-valur ġust negattiv ta' kull obbligazzjoni derivattiva li, fuq bażi ta' riskju finali, hija obbligazzjoni transkonfinali, obbligazzjoni lokali ta' assoċjati barranin fil-munita barranija, jew obbligazzjoni lokali ta' assoċjati barranin fil-munita lokali. Id-derivattivi jinkludu kuntratti forward, swaps u opzjonijiet relatati mal-kambju, ir-rata tal-imgħax, l-ekwità, il-komodità u l-istrumenti ta' kreditu. Derivattivi ta' kreditu mixtrija, bħal swaps ta' inadempjenza tal-kreditu u swaps tar-redditu totali, għandhom ikunu rrapportati biss jekk huma kklassifikati bħala miżmuma għan-negozju. Derivattivi ta' kreditu mibjugħa huma kklassifikati bħala garanziji u għaldaqstant ma għandhomx ikunu rrapportati. Innota li l-istrumenti derivattivi kollha b'valur ġust negattiv għandhom ikunu ttrattati bħala obbligazzjonijiet. Ir-rapportar ta' "pożizzjonijiet netti" huwa permess biss jekk l-istandard ta' kontabilità nazzjonali applikabbli jippermetti n-nettjar ta' diversi swaps pariġġ (skont il-munita u l-maturità) mal-istess kontroparti li hija koperta taħt ftehim ta' nettjar legalment eżegwibbli.

#### Sezzjoni 14, entrati 14.a sa 14.b, 14.d sa 14.j: Indikaturi anċillari

Entrata	Tikketta	Deskrizzjoni
14.a	Obbligazzjonijiet totali	Irrapporta l-obbligazzjonijiet totali, minbarra l-fondi u l-kapital proprji kif ukoll diversi spejjeż imġarrba li għadhom dovuti (eż. taxxa fuq id-dħul li għandha titħallas, pagi li għandhom jitħallsu, eċċ.).
14.b	Finanzjament għall-konsumatur	Irrapporta d-depożiti totali nieqes it-total tad-(i) depożiti mill-istituzzjonijiet depożitarji; (ii) depożiti mill-banek ċentrali; u (iii) depożiti u ċertifikati ta' depożitu mhux miżmuma minn konsumaturi jew negozji żgħar. Il-klijenti ta' negozji żgħar huma dawk il-klijenti b'inqas minn €1 miljun f'depożiti konsolidati li huma ġestiti bħala klijenti konsumaturi u huma ġeneralment ikkunsidrati li għandhom karatteristiċi ta' riskju ta' likwidità simili għall-kontijiet tal-konsum. Għal aktar tagħrif, ara l-qafas ta' Basel II – Konverġenza

		Internazzjonali ta' Kejl tal-Kapital u Standards tal-Kapital, paragrafu 231, Ġunju 2006. <sup>7</sup>
14.d	Dħul nett barrani	Irrapporta d-dħul nett mill-uffiċċji barranin kollha. Għall-finijiet ta' din l-entrata, uffiċċju barrani ta' grupp li jkun qed jirrapporta huwa fergħa jew sussidjarja kkonsolidata li tinsab barra l-pajjiż ta' oriġini tal-organizzazzjoni (jiġifieri l-pajjiż fejn jinsabu l-kwartieri tal-grupp li qed jirrapporta). Il-fergħat jew is-sussidjarji kkonsolidati li jinsabu f'territorji jew proprjetà tal-pajjiż ta' oriġini huma kkonsidrati uffiċċji barranin. Id-dħul nett huwa definiti bħala dħul mill-imgħax miżjud bid-dħul mhux mill-imgħax nieqes l-ispiża tal-imgħax.
14.e	Dħul nett totali	Irrapporta d-dħul nett totali, li huwa definit bħala d-dħul mill-imgħax miżjud bid-dħul mhux mill-imgħax nieqes l-ispiża tal-imgħax.
14.f	Dħul gross totali	Irrapporta d-dħul gross totali, li huwa definit bħala d-dħul mill-imgħax miżjud bid-dħul mhux mill-imgħax.
14.g	Il-valur gross ta' kontanti mislufa u l-valur ġust gross ta' titoli mislufa fi tranżazzjonijiet li jiffinanzjaw it-titoli (SFTs)	Irrapporta l-valur gross tal-kontanti kollha mislufa u l-valur ġust gross tat-titoli kollha mislufa f'SFTs. Il-valur irrapportat ma għandu jinkludi l-ebda nettjar tal-kontroparti u għandu jirrappreżenta biss tranżazzjonijiet imwettqa mill-grupp li qed jirrapporta f'ismu stess. Il-valur għandu jinkludi l-valur gross tal-komponenti ħierġa tal-SFTs kollha, inkluż kwalunkwe marġini ta' varjazzjoni pprovdut. Tinkludix tranżazzjonijiet ta' self b'veikolu.
14.h	Il-valur gross ta' kontanti meħuda b'self u l-valur ġust gross ta' titoli meħuda b'self f'SFTs	Irrapporta l-valur gross tal-kontanti kollha meħuda b'self u l-valur ġust gross tat-titoli kollha meħuda b'self f'SFTs. Il-valur irrapportat ma għandu jinkludi l-ebda nettjar tal-kontroparti u għandu jirrappreżenta biss tranżazzjonijiet ikkometati mill-grupp li qed jirrapporta f'ismu stess. Il-valur għandu jinkludi l-valur gross tal-komponenti deħlin tal-SFTs kollha, inkluż kwalunkwe marġini ta' varjazzjoni pprovdut. Tinkludix tranżazzjonijiet ta' self b'vejikolu.
14.i	Il-valur ġust pożittiv gross ta' tranżazzjonijiet derivattivi barra l-Borża (OTC)	Irrapporta l-valur ġust pożittiv gross tat-tranżazzjonijiet derivattivi OTC kollha. Il-valur irrapportat ma għandu jinkludi l-ebda nettjar tal-kontroparti.
14.j	Il-valur ġust negattiv gross ta' tranżazzjonijiet derivattivi barra l-Borża	Irrapporta l-valur ġust negattiv gross tat-tranżazzjonijiet derivattivi OTC kollha. Il-valur irrapportat ma għandu jinkludi l-ebda nettjar tal-kontroparti.
14.k	Għadd ta' ġurisidizzjonijiet	Irrapporta l-għadd ta' pajjiżi, inkluża l-ġurisidizzjoni ta' oriġini, li fihom il-grupp li qed jirrapporta għandu kemm fergħa kif ukoll sussidjarja. Il-ġurisidizzjoni għandha tkun iddeterminata bl-użu tal-indirizz fiżiku tal-fergħa jew tas-sussidjarja.

<sup>7</sup> Id-dokument huwa disponibbli fuq [www.bis.org/publ/bcbs128.htm](http://www.bis.org/publ/bcbs128.htm).